**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Vic-Martin Calleja iben Coronato u Maria Assunta nee` Vella u li joqghod 'Casa Colson', Triq Zaki, Zebbug, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 44086 G)**

Illum 19 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli nhar it-28 t' April 2002 ghall-habta ta' l-10:22 p.m. fi Triq ta' Hamet, Xaghra, Ghawdex, saq il-vettura IBA 587 (1) minghajr il-licenzja tas-sewqan mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta (2) minghajr ma kien kopert b'polza t'assikurazzjoni rigward ir-riskji tat-terzi persuni .

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija l-imputat jigi sospiz milli jkollu jew jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien illi l-istess Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat kien minorenni fiz-zmien tal-kommessjoni tar-rejat;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ammenda fuq it-tieni akkuza.

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur mill-jum li jaghlaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur